Kunsill Lokali Fontana

Minuti laqgħa 13 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 12, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**
   - Il-kummisjoni elettorali approvat l-kera tas-sala għal-prezz ta' €300. Il-Kera se tkopri l-ġranet bejn id-19 u s-26 ta' Mejju, 2014.
   - Korrispondenza mid-DLG bl-approvazzjoni tal-*performance bonus* tal-aġenti segretarji Louis Magrin u Amanda Abela skont kif approva l-Kunsill.
   - Stedina mid-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż nhar l-14 t'April 2014.
   - Stedina ghal-seminar lis-Sindku u l-ambaxxatur lokali nhar il-5 ta' Lulju, 2014.
   - Korrispondenza mill-AKL fejn qed jinformaw lill-Kunsilli li se jigi ffurmat *working goup* fejn jiddiskuti l-futur tal-Kunsilli Lokali. L-AKL qed titlob lil kull min hu interessat li jkun parti minn dan il-*working group* biex jikkuntatja lill-AKL.
   - Nhar l-1 ta' April se tinstema l-applikazzjoni mal-MEPA għar-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni fil-bidunett ta' Triq il-Għajn kantuniera ma' Pjazza Sant Wistin quddiem il-Board tal-MEPA. Il-Kunsill qabel li jitqabbdu Tarcisio Xerri u George Attard biex jieħdu ħsieb ix-xogħol ta restawr li hemm bżonn fuq din in-niċċa.
   - Se ssir konferenza fuq it-turizmu nhar il-11 ta'April 2014.
   - Konsultazzjoni pubblika mill-Onor. Josè Herrera rigward ir-riforma tal-LES fil-Grand Hotel nhar it-29 ta' Marzu, 2014 – Horace se jattendi għal din il-laqgħa.
   - Applikazzjoni mad-DLG għal fondi taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali biex isir il-festival tan-nar ġiet irrifjutata– Is-Sindku qal li fis-sena 2012 u 2013 l-applikazzjoni kienet saret l-istess u ġiet ikkwalifikata. Madankollu, is-SE qalet li qabel imliet l-applikazzjoni hija kienet ikkomunikat mad-Dipartment fejn


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

A S. Borg

informawha li minn din is-sena, id-DLG mhux se jaghtu fondi ghan-nar fil-festa, fejn gharfet b'dan lis-Sindku.
- Ittra ta' ringrazzjament mill-ghalliema tal-Eco Gozo ghal ftuh tax-xelter f'Novembru li ghadda.
- Korrispondenza mill-MEPA fejn intalbu xi emendi fuq it-tiġdid tal-permess taċ-ċentru ċiviku. Il-perit Gordon Vella ha hsieb li ghamel dawn l-emendi.
- Is-Sindku qal li l-avukat Jean Paul Grech ipprepara r-rikors biex il-Kunsill jidhol parti fil-kawża ta' Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet li hemm dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Ghajn fejn hu propost li jitkompla jinbena iċ-Ċentru Ċiviku .Ir- rikors ġie ppreżentat mis-Sindku fil-Qorti u ser jinstema fl-4 ta' April.
- Talba mill-Green MT biex issir laqgha mas-sindku nhar il-Ġimgha, 28 ta' Marzu, fejn is-Sindku ma setax jattendi. Il-Green MT ghandhom jitolbu ghal-laqgha f'ġurnata ohra.
- Attendew ghal laqgha rappreżentanti tal-ghaqda Dilletanti tan-Nar tal-Fontana fejn talbu lil Kunsill ghall-kollaborazzjoni biex isir in-nar tal-art lejliet il-festa. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem u johroġ is-somma ta' €1,150.

## 4. Ghoti tal-offerti

Offerta ta' ġbir ta' skart domestiku – offerta ta' Jason George Debrincat. Is-sindku qara r-rapport fuq l-offerta li pprepara l-engineer Francarl Galea. Wara li inġibdet l-attenzjoni fil-Kunsill li l-vettura tal-ġbir tal-iskart Euro 4 li hi imsemmija fl-offerta mhix tahdem ghax bil-hsara,l-Kunsill qabel li jibghat ghas-Sur Debrincat fejn ġie mitlub li jirranġa din il-hsara u wara jkun jista jiġi iffirmat il-Kuntratt. Is- Sur Debrincat aċċetta li jaghmel dan kemm jista jkun malajr.

## 5. Approvazzjoni tal-*budget* 2014

Is-sindku qara l-*budget* li ġie ppreparat minnu u mill-JCA Ltd. Bhala xogholijiet kapitali is-Sindku ppropona €20,000 ghal ġebla tal-qawwi tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku u t-tkomplija tal-*gym* fil-*playing field*; €5000 ghat-tkomplija tal-ahhar 35 metru ta' Triq John Gaspard Le Merchant; €50,000 ghal wiċċ ġdid tat-tarmak fi Triq il-Ghajn bejn Pjazza Sant Wistin u l-Qalb ta' Ġesu; € 40,000 ghat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku u €55,000 ghat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Il-kunsill approva dan il-*budget*.

## 6. Materji Ohra

Mario Mercieca
- Toqba fit-Triq il-Kappillan Hili ghada ma tranġatx – is-Sindku qal li se jiehu hsieb li jinxtara l-*cold asphalt* biex din titranġa.
- Haxix fit-Trejqet ix-Xaghri – jinqata mill-haddiem tal-Kunsill.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

- Tappiera fit-triq quddiem l-għajn li tħabbat ħafna bil-karozzi – Horace qal li jista' jkun li sabu soluzzjoni għal din il-problema u diġà ġiet provata tappiera Jekk din tirnexxi, dawn isiru kollha mill-MĠOZ.
- Titranga it-Triq F. Buttiġieġ – tintbgħat *email* lic-CMU.

Horace Micallef

- Tiġi nstallata grada fit-tarf ta' Wied Siekel biex nevitaw li kull periklu kemm għat-tfal u ankè għal klieb – il-kunsill qabel li jeħlu żewġ vireg.
- Laqgħa ma' TM rigward is-sewqan b'veloċità fit-Triq il-Kappillan Hili, fejn attendew is-Sindku u Horace. Is-Sindku qal li l-Perita Audrey Testaferrata De Noto ssuġeriet li tinħareġ il-bankina aktar 'l barra permezz ta' *hard shoulders* u jsiru xi *ramble strips*fit-triq. Horace qal li riċentament inżebgħu xi truf tat-toroq bl-aħmar, biex inaqqsu l-veloċita tal-vetturi, u jkun hemm ukoll sinjali tal-massimu veloċità mmarkat fuq it-*tarmac*. Il-perita talbet lill-Kunsill biex jibgħat pjanta ta' kif qed jiġi propost għal-approvazzjoni ta' TM. Mario ssuġerixxa li Triq il-Vajringa tiġi li l-vetturi jkunu jistgħu jgħaddu mil-Pjazza Sant Wistin għal pjazza San Frangisk u Triq il-Kappillan Hili tiġi *one way* bil-kontra ta' kif hi preżentament. Il-kunsill qabel li jintalab *traffic management meeting* mal-partijiet ikkonċernati u TM biex jiġu diskussi dawn il-punti.
- Staqsa jekk hux isir ġbir ta' batteriji wżati fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-bin qiegħed il-Kunsill però ħadd ma jiġbor dawn il-batteriji miġbura.
- Staqsa fuq it-*tender* tat-tindif tal-Wied Siekel. Is-SE qalet li għada qed tistenna xi stima tal-monitoraġġ biex tara taqax bħala kwotazzjoni jew tender. Il-Kunsill iddeċieda li tinħareġ tender mill-ewwel, bil-miżata ta' €70 għal-kopja tat-tindif tal-wied u €30 għal-kopja tal-moniteraġġ.
- Staqsa fuq il-proċess tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv – l-A/SE qalet li hija kkomunikat mad-Direttur fejn informat lid-DLG li hija mpossibli toħroġ is-sejħa qabel l-aħħar t'April minħabba impenji tal-Kunsill t'Għajnsielem. Id-Dipartiment approva li dan il-proċess jibda wara l-aħħar t'April. Saret diskussjoni bejn il-preżenti fuq min se jkun il-bord tal-għażla tas-SE wara ir-riżenji tas-Sindku u l-kunsillier Carmel Farrugia fil-bord preċedenti. L-Kunsillier Mario Mercieca nforma lill-preżenti li ma jixtieqx jkunu parti minn dan il-bord. Il-Viċi Sindku Victor Cefai u l-Kunsillier Horace Micallef ikkonfermaw li jixtiequ jkunu parti mill-bord. Horace nnomina lill-Avukata tad-DLG, Angele Vella. Is-Sindku ssuġerixxa l-persuni: Ian Paul Bajada, Johanna Caruana u Joseph Attard. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jinħatru Ian Paul Bajada bħala Chairman, Johanna Caruana u l-avukat Dr Joseph Attard bħala membri. L-A/SE għandha tikkomunika magħhom biex jiġi ddeterminat il-ħlas għal dan is-servizz.

Saviour Borg

- *Railing* fit-Trejqiet ix-Xagħri li inkiser waqt ix-xogħol tat-Triq tax-Xlendi - isir rapport lid-Direttur Portelli, biex isir mill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll biex issir grada tal-ħadid minflok il-*pellets* tal-injam li ilhom jgħattu il-gandott mixkuf ħdejn it-taraġ ta' Trejqet ir-Razzet minn meta sar il-pavimentar tal-porfido fi


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

Pjazza l-Għejjun. Dan minkejja li nġibdet l-attenzjoni tal-Perit li kien responsabbli mill-proġett dwar il-periklu li hemm għal pubbliku.

- Ħarġa soċjokulturali fl-Imġarr Malta għal festa frawli nhar 6 t' April. Wara ssir żjara postijiet oħra – it-transport għal din l-attività se jsir mill-kumpanija KopTa Co Ltd. Il-ħlas ikun dak tas-soltu.
- Tinxtara pompa tal-ilma u tiġi nstallata biex jintuża l-ilma tal-ġibja għat-tisqija tax-xtieli peress li matul din is-sena imtliet wara ix-xogħol ta' lqugħ li sar fil-playing field. Jinġab bowzer ta' €20 biex jinħasel l-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja u bil-kumplament jissaqqew ix-xtieli ħdejn il-*Bring in Site*.
- Tkisser bank taħt ir-*railing* fit-Triq il-Għajn mill-kuntrattur waqt li kien qed isir xi xogħol fuq dar. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra biex jirranġah.
- Jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku tat-Triq il-Għajn *u Triq l*-Isptar San Ġiljan li huma toroq arterjali. Għalhekk tintbgħat *e-mail* lid-Direttur Portelli biex jinżebgħu.
- Ġardina li nbniet fit-Triq ta' Mulejja, wara l-Knisja f'art pubblika – jiġi nfurmat l-avukat tal-kunsill biex jagħti l-parir tiegħu.
- Laqgħa tal-bord tal-appell dwar il-Ġebla tal-Qawwi reġgħet ġiet posposta.
- Ser isir kors għal ġenituri dwar iktar sigurta fuq l-internet.
- Biex tissewwa bankina ħdejn id-dar ta' Dolora Cordina fi Triq il-Kappillan Hili.
- Ngħatat għotja ta' kotba minn Dr Ray Scerri lil kunsill.
- Sar serq ta' xtieli tal-petunja minn Sqaq ta' Kaput.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa mad-Deputat Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Raymond Zammit. Din saret għas-Sindki Għawdxin dwar aktar sigurtà fil-lokalitajiet.
- Sar it-tiġdid tax-xtieli fit-telgħa 'l isfel mill-knisja u ħdejn il-Bring in Sites fi Triq ta' Mulejja.
- Saret laqgħa mal-Perit John Saliba dwar ix-xogħol li għandu jsir fil-Wied tax-Xlendi mill-fondi tal-Eko Għawdex. Attendew is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.
- Fil-bidu ta' Marzu beda jsir il-ġbir tal-iskart domestiku filgħodu.
- DFil-laqgħa ma' Transport Malta li għaliha attendew s-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef saru żewġ proposti oħra - waħda biex it-Triq il-Qalb ta' Ġesu issir miż-żewġ naħat parkeġġ bl-arloġġ biex ir-residenti ikollhom aktar fejn jipparkjaw u ssir *zebra crossing* fi Triq il-Għajn fejn qabel kien l-uffiċċju tal-kunsill lokali. Dwar Triq il-Qalb ta' Ġesu l-Perita Testaferrata De Noto qalet li bħalissa jibqa kollox l-istess sakemm joħorġu ir-regolamenti il-ġodda dwar il-parkeġġ ristrett. Dwar iz-zebra crossing trid tintbgħat pjanta lil Transport Malta għal-approvazzjoni
- Is-Sindku u l-kunsillier Carmel Farrugia attendew għal quddiesa tal-ftuħ tal-viżta pastorali fil-parroċċa mill-Isqof Mario Grech. Wara attendew għal inawgurazzjoni tal-pittura u dekorazzjoni tan-nava ta' Sant Indrija.
- Ġew miżbugħa is-sinjali tat-traffiku fit-Triq tax-Xlendi mill-Ministeru għal Għawdex.
- Is-Sindku attenda għal-kommemorazzjoni funebri tal-Arċipriet Emeritus Mons Luigi Vella li saret fil-knisja parrokjali tal-Fontana. Għal din l-okkażjoni sar bukkett fjuri mill-Kunsill Lokali.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Bay

- Il-Viċi Sindku attenda għal laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki li saret fil-lukanda New Dolmen fil-Qawra.
- Il-Kappillan informa lis-Sindku li ż-żjara mill-Isqof li kellha ssir illum fil-kunsill tħassret u ser issir darba oħra.

7. **Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fl-8.06pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Tlieta, 29 ta' April, 2014 fit-5.00pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku